MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 191/1999/1

Angela mart John Xuereb .

vs

Peter Paul Hili;
Carmena xebba Hili,
Rita mart John Camilleri,
U B'degriet tal-15 ta' Dicembru, 1999, Dr. Grazio Mercieca LL.D. gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefra Rose Sammut .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet:

Illi fit-tnejn (2) ta' Frar elf disa' mija hamsa u tmenin (1985) miet fin-Nadur, Ghawdex, Carmelo Hili iben il-mejtin Anglu Hili u Maria nee' Pace, imwieled Xaghra, Ghawdex u dan kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt tieghu (Dok. A) ;

Illi fit-tmintax (18) ta’ Awissu, elf disa’ mija sitta u disghin (1996) mietet fin-Nadur, Ghawdex Maria armla ta’ Carmelo Hili, bint il-mejtin Carmelo Mifsud u Rosa nee’ Portelli, imwielda Nadur, Ghawdex u dan kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt taghha (Dok. B) ;
Illi l-imsemmija Carmelo u Maria konjugi Hili mietu intestati u ghalhekk il-wirt u s-successjoni huma regolati ‘ex lege’ ;

Illi l-attrici bhala eredi ta’ l-imsemmija Carmelo u Maria konjugi Hili ma tridx tibqa’ aktar fi stat ta’ komunjoni ghar-rigward ta’ l-eredita’ tal-genituri taghha Carmelo u Maria konjugi Hili ;

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghal din id-divizjoni bonarjament, inkluz permezz ta’ ittra ufficjali tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Lulju elf disa’ mija disgha u disghin (1999) dawn dejjem baqghu inadempjenti .

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti :

1. Tahtar amministratur sabiex jamministra l-beni ipposjeduti in komun bejn il-kontendenti ai termini ta’ l-artikolu 494 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

2. Tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti gia’ ezistenti bejn l-imsemmija Carmelo u Maria konjugi Hili billi jigi ddikjarat li kienet tikkonsisti f’dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza ;

3. Taqsam il-komunjoni ta’ l-akkwisti hekk likwidata f’zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-assi partikolari tal-konjugi Hili ;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta’ Carmelo Hili billi jigi ddikjarat li jikkonsistu f’nofs il-komunjoni ta’ l-akkwisti hekk likwidata u f’dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza ;

5. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta’ l-imsemmi Carmelo Hili f’hames porzjonijiet li jigu assenjati wahda kull wahda lil hames ulied ta’ l-istess Carmelo Hili jew is-superstiti taghhom ;

6. Kemm-il darba jirrizulta li l-beni ta’ l-imsemmi Carmelo Hili jew uhud minnhom ma humiex divizibbli tordna l-bejgh ta’ l-istess b’licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit ugwalment bejn il-hames ulied ta’ l-istess Carmelo Hili jew is-superstiti taghhom ;

7. Tillikwida l-assi partikolari ta’ l-imsemmija Maria Hili billi jigi dikjarat li jikkonsisti f’nofs il-komunjoni ta’ l-akkwisti hekk likwidata u f’dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza ;

8. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta’ l-imsemmija Maria Hili f’hames porzjonijiet li jigu assenjati wahda kull wiehed lil hamest’ulied ta’ l-istess Maria Hili jew is-superstiti taghhom ;

9. Kemm-il darba jirrizulta li l-beni ta’ l-imsemmija Maria Hili jew uhud minnhom ma humiex divizibbli tordna l-bejgh ta’ l-istess b’licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit ugwalment bejn il-hames ulied ta’ l-istess Maria Hili jew is-superstiti taghhom ;

10. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta’ divizjoni u assenjazzjoni ta’ legittima f’dik id-data, hin, u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta’ kuraturi li jinhatru sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Lulju elf disa’ mija disgha u disghin (1999) .

Il-konvenuti huma mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qeghdin jigu ngunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attriċi debitament ikkonfermata bil-ġurament tagħha .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Rita mart Joseph Camilleri li eċċepiet illi :

1. Illi dina c-citazzjoni hija nieqsa mid-dokumenti essenzjali li bihom l-attrici tkun trid issostni it-talbiet taghha, liema dokumenti kellhom, skond il-ligi, jigu esebiti mac-citazzjoni u ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex tiehu konjizzjoni ta’ dina c-citazzjoni minhabba li l-istess citazzjoni hija monka ghar-raguni hawn imsemmija .

2. Illi di fatti t-tielet premessa, li fuqha hija radikata c-citazzjoni hija zbaljata kompletament u dana peress illi m’huwiex minnu illi Carmelo u Maria konjugi Hili mietu intestati u ghaldaqstant l-istess citazzjoni hija anki nulla f’dan ir-rigward ;

3. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghal premess, il-konvenuta ma topponix ruhha ghad-divizjoni tal-assi ereditarji ta’ Carmelo u Maria konjugi Hili purche’ li fl-ewwel lok jigi verifikati l-konsistenzi tal-assi kif ukoll l-kwoti rispettivi tal-partijiet .

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuta minnha maħlufa .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Peter Paul Hili u Carmena xebba Hili li eċċepew illi :

1. Illi fl-ewwel lok, il-permessi tac-citazzjoni mhumiex korretti in kwantu Carmelo u Maria Hili rregolaw is-successjoni taghhom bis-sahha ta’ testment fl-atti tan-Nutar Giusepp Cauchi tas-sittax (16) ta’ Gunju elf disa’ mija u sebgha u sebghin (1977), u ghalhekk id-divizjoni trid issir ai termini ta’ dan it-testment u mhux a bazi tal-ligi illi tirregola s-successjoni ab intestato ;

2. Illi f'dak l-istess testment, it-testaturi kienu ordnaw li dawk minn uliedhom illi jkunu ghadhom mhux mizzewgin ghandu jkollhom l-uzufrutt tal-lok ta' djar residenza tat-testaturi u hanut anness fi Tria San Blas, numru sitta u erbghin, sebgha u erbghin u tmienja u erbghin u tal-oggetti mobbli kollha, mobilja, bjankerija, oggetti ta' deheb, fidda, hagar u metal prezzjuz, flus in moneta kontanti, annimali, permessi kollha u stock kollu, avvjament krediti u debiti annessi mal-imsemmi hanut u kull hag'ohra mobili fl-istess immobbli kollu ezistenti fl-imsemmija epoka u ghalhekk kontestwalment l-esponenti Carmela Hili qeghda tipprezenta kontro-citazzjoni fejn qeghda titlob li tigi mmessa fil-pussess tal-beni imhollija lilhom bi prelegat ;

3. Illi huma jaqblu mat-talba tal-attrici ghal hatra ta' amministratur sabiex jamministra l-beni posseduti in komun bejn il-kontendenti ai termini ta' l-artikolu 494 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; dejjem salv u impregudikat id-dritt ta' uzufrutt spettanti lil Carmela Hili ;

4. Salvi il-premess, huma ma jopponux it-talbiet attrici ;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-kontro-ċitazzjoni ta' l-istess konvenuti li permezz tagħha, wara li ppremettew illi :

Illi l-konvenuti jridu jinqdew bic-citazzjoni promossa mill-attrici u jipprezentaw il-kontro citazzjoni taghhom ;

Illi l-genituri tal-kontendenti Carmelo u Maria Hili rregolaw is-successjoni taghhom bis-sahha ta' testment fl-atti tan-Nutar Giusepp Cauchi tas-sittax (16) ta' Gunju elf disa' mija sebgha u sebghin (1977), u ghalhekk id-divizjoni trid issir ai termini ta' dan it-testment u mhux a bazi tal-ligi illi tirregola s-successjoni ab intestato ;

Illi f'dak l-istess testment, it-testaturi kienu ordnaw li dawk minn uliedhom illi jkunu ghadhom mhux mizzewgin

ghandu jkollhom l-uzufrutt tal-lok ta’ djar residenza tat-testaturi u hanut anness fi Triq San Blas, numru sitta u erbghin, sebgha u erbghin u tmienja u erbghin u tal-oggetti mobili kollha, mobilja, bjankerija, oggetti ta’ deheb, fidda hagar u metal prezzjuz, flus in moneta kontanti, annimali, permessi kollha u stock kollu, avvjament krediti u debiti annessi mal-imsemmi hanut u kull hag’ohra mbili fl-istess immobbli kollu ezistenti fl-imsemmija epoka ;

Illi Carmela Hili kienet ghadha xebba fl-epoka tal-mewt tal-genituri tal-kontendenti, kif fil-fatt ghadha, u ghalhekk ghandha d-dritt tibbenefika mill-uzufrutt ordnat bit-testment precitat .

Talbu lill-attriċi u lill-konvenuti l-oħra jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi in effetti Carmelo u Maria Hili irregolaw is-successjoni taghhom bis-sahha ta’ testment fl-atti tan-Nutar Giusepp Cauchi tas-sittax (16) ta’ Gunju elf disa’ mija sebgha u sebghin (1977) ;

2. Tiddikjara illi Carmela Hili kienet ghadha xebba fl-epoka tal-mest tal-genituri taghha, u ghalhekk ghandha dritt tibbenefika mid-dritt ta’ uzufrutt ordnat mill-istess genituri taghha ;

3. Konsegwentement tordna l-immissjoni ta’ l-istess Carmela Hili fil-pussess ta’ dan id-dritt ta’ uzufrutt bil-konsistenzi kolha ordnati fl-imsemmi testment .

4. Ghal dan il-ghan tordna il-pubblikazzjoni tal-att ta’ immissjoni fil-pussess opportun ad opera ta’ Nutar pubbliku nominand, u bl-intervent ta’ kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq dan l-istess att, f’data hin u lok illi jigu ghalhekk iffissati .

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Peter Paul Hili .

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut avukat Dottor Grazio Mercieca nominat kuratur in rappreżentanza tal-imsiefra Rose Sammut, li permezz tagħha eċċepixxa illi :
1. Illi huwa ma huwiex edott mill-fatti u ghalhekk jirriserva illi jressaq l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine minnu maħlufa .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess konvenut nomine għall-kontro-talba tal-konvenuti Peter Paul Hili u Carmena xebba Hili, li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Illi huwa ma huwiex edott mill-fatti u ghalhekk jirriserva illi jressaq l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine annessa ma' din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Rita mart Joseph Camilleri għall-istess kontro-talba li biha eċċepew illi :

1. Illi dina l-kontro-citazzjoni hija intempestiva u dana peress illi l-konvenuta Rita mart John Camilleri qatt ma giet b’xi mod avzata dwar il-pretensjonijiet tal-konvenuti l-ohra, Peter Paul Hili u ta; Carmena xebba Hili u ghaldaqstant l-konvenuta m’ghandha tbati l-ebda spejjez ta’ dina l-kontro-citazzjoni ;

2. Illi dina l-kontro-citazzjoni saret ukoll inutilment u dana peress illi l-konvenuta Carmela Hili qeghda tippossessa l-beni kollha mobbli u mmobbli mhollija lilha b’uzufrutt u ghalhekk zgur li ma kien hemm skop li ssir dina l-kontro-citazzjoni .

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti relattiva ta' l-istess konvenuta .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attriċi għal din il-kontro-talba, u li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. Illi hija ma topponix u qatt ma opponiet l-immissjoni ta' Carmela Hili fil-pussess tad-dritt ta' uzufrutt tal-fond tar-residenza tal-genituri taghha Carmelo u Maria Hili fi Triq San Blas fin-Nadur mitluba mill-konvenuti, salv illi jigu verifikati d-dispozizzjonijiet testamentarji ta' l-istess Carmelo u Maria Hili .

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi annessa ma' din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet .

Rat id-digriet tagħha ta' l-1 ta' Novembru 2002 fejn innominat lill-A.I.C. Carmelo Borg bħala perit tekniku sabiex jieħdu konjizzjoni tat-talbiet attriċi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut .

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Mejju 2003 fejn issostitwiet lill-A.I.C. Joseph Mizzi għall-A.I.C. Carmelo Borg fl-istess inkarigu, fuq talba li saret mill-istess perit Borg .

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku ppreżentata fit-13 ta' Frar 2004 u maħlufa fil-25 ta' Gunju 2004 .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u dokumenti esebiti .

Rat il-verbal tagħha ta' l-25 ta' Gunju 2004 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża għad-diviżjoni ta' l-assi tal-mejtin Carmelo u Maria konjuġi Hili, ġia ġenituri tal-kontendenti . Għalkemm l-attriċi ppremettiet illi dawn mietu ntestati,

rriżulta illi fil-fatt dawn kienu għamlu testment *unica carta* in atti Nutar Dottor Giuseppe Cauchi tas-16 ta' Gunju 1977[1] . Permezz ta' dan it-testment il-konjuġi Hili ħallew biċċa art bi prelagat lil tlieta minn uliedhom,[2] l-usufrutt tad-dar residenzjali tagħhom lil dawk minn uliedhom li ma jkunux għadhom iżżewġu fl-epoka tal-mewt tas-superstiti fosthom,[3] u eredi universali lill-ħames uliedhom[4] .

Irriżulta illi għall-qasma hemm id-dar residenzjali tal-konjuġi Hili, kif soġġetta għall-użufrutt tal-konvenuta Carmela Hili li baqgħet xebba, u għalqa fi Triq Daħlet Qorrot, in-Nadur, li fuqha hemm mibni *garage* u xi kmamar . Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, qed jiġi preżunt illi dawn il-beni kienu jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti ġia eżistenti bejn il-konjuġi Hili . Il-fondi in diviżjoni ġew deskritti u stmati mill-perit tekniku[5] . Il-fond numru 47, Triq San Blas, in-Nadur, Għawdex, ġie stmat tal-valur ta' tnejn u għoxrin elf lira maltija (Lm22,000), filwaqt illi l-art fabbrikabbli fi Triq Daħlet Qorrot, ġiet stmata tal-valur ta' ħamsin elf lira maltija (Lm50,000) . Ma rriżultax illi dawn il-fondi huma komodament diviżibbli, u għalhekk jeħtieġ illi jinġiebu għall-bejgħ sabiex imbagħad mir-rikavat, kulħadd ikun jista' jieħu sehmu . Naturalment, minħabba l-usufrutt li tgawdi l-konvenuta fuq id-dar residenzjali tad-decujus, hija għandha dritt li tiġi mmessa fil-pussess ta' dan il-prelegat imħolli lilha . L-attriċi fiċ-ċitazzjoni tagħha talbet ukoll il-ħatra ta' amministratur tal-beni posseduti in komun . Imma ma kienx hemm ebda insistenza għal din it-talba fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża, u żgur li m'hu ser ikun hemm ebda ħtieġa għaliha wara li ssir id-diviżjoni opportuna .

Għaldaqstant tiddeċidi :

A. dwar iċ-ċitazzjoni billi :

1. tiċħad l-ewwel talba ;

---

[1] Ara Dok. D a fol. 19 - 22 tal-process .
[2] art. III ta' l-istess testmnet .
[3] art. IV ta' dan it-testment .
[4] ibid. .
[5] ara rapport peritali a fol. 82 .

2. tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-beni formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti ġia eżistenti bejn Carmelo u Maria konjuġi Hili, jikkonsistu fid-dar numru 47, Triq San Blas, kif soġġetta għall-użufrutt tul ħajjitha a favur tal-konvenuta Carmena Hili, u biċċa art fabbrikabbli bil-bini ta' fuqha fi Triq Daħlet Qorrot, it-tnejn in-Nadur, Għawdex, kif deskritti aħjar fir-relazzjoni ta' l-A.I.C. Joseph Mizzi ;

3. tilqa' t-tielet talba ;

4. tilqa' r-raba talba u tiddikjara illi l-assi partikolari ta' Carmelo Hili jikkonsistu f'nofs indiviż tal-beni hawn fuq deskritti ;

5. tiċħad il-ħames talba billi rriżulta illi dawn il-beni mhux komodament diviżibbli bejn il-kontendenti ;

6. tilqa' s-sitt talba u tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' sehem id-decujus Carmelo Hili minn dawn il-fondi, bl-ammissjoni ta' l-oblaturi estranei, sabiex ir-rikavat jiġi perċepit bejn il-ħames ulied tal-konjuġi Hili ;

7. tilqa' s-seba' talba u tiddikjara illi l-assi partikolari tal-mejta Maria Hili jikkonsisti f'nofs indiviż mill-beni hawn fuq deskritti ;

8. tiċħad it-tmien talba billi dawn il-beni mhux komodament diviżibbli ;

9. tilqa' d-disa' talba u tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' sehem id-decujus Maria Hili minn dawn il-beni, bl-ammisjoni ta' l-oblaturi estranei, sabiex ir-rikavat jiġi perċepit bejn il-ħames ulied tal-konjuġi Hili ;

10. tiċhad il-għaxar talba .

B. Dwar il-kontro-talba :

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi Carmelo u Maria Hili irregolaw is-suċċessjoni tagħhom

bis-saħħa ta' testment fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi tas-16 ta' Gunju 1977 ;

2. tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi Carmela Hili kienet għadha xebba fl-epoka tal-mewt tal-ġenituri tagħha u għalhekk għandha dritt tibbenefika mill-użufrutt ordnat mill-istess ġenituri tagħha ;

3. konsegwentement tordna l-immissjoni ta' l-istess Carmela Hili fil-pussess ta' dan id-dritt ta' użufrutt ; u

4. għal dan il-għan tordna l-pubblikazzjoni ta' l-att ta' immissjoni fil-pussess opportun ad opera tan-Nutar Dottor Joanne Cauchi li qed tiġi nominata għal dan il-fini u bl-intervent ta' l-avukat Dottor Angele Portelli sabiex tirrappreżenta lill-eventwali kontumaci fuq dan l-istess att, li għandu jsir nhar is-Sibt 4 ta' Dicembru 2004 fl-uffiċċju ta' l-istess Nutar fil-11.00 a.m.

Billi din hija kawża għad-diviżjoni ta' beni ereditarji, l-ispejjeż għandhom jiġu ssoportati mill-kontendenti kollha, kulħadd skond sehmu .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------